**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 102/2020**

**Gavin Stafford**

**Vs**

**Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Gavin Stafford** ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu ġie premess is-segwenti:-

*"*

***I. INTRODUZZJONI***

1. *Illi dan huwa appell ai termini tal-artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 545.30 minn deċiżjoni tal-20 t' Ottubru 2020 tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok GS1**'), liema deċiżjoni ġiet notifikata lill-appellant fis-27 t'Ottubru 2020 permezz ta' komunikazzjoni elettronika (kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala '**Dok GS2**').*

2. *Illi l-appellant qed jappella mid-deċiżjoni tal-intimat Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, speċifikament mir-rifjut tiegħu illi jipprovdi rimedju għat-tieni ilment tal-appellant fir-rigward tat- tlett mitt unit u wieħed (301) ta' konsum t'ilma riżultanti mid-difett tal-arloġġ tal-ilma bin-numru M71622 ("**l-Arloġġ tal-Ilma**").*

***II. IL-FATTI RELEVANTI:***

3. *Illi permezz tal-kuntratt t'akkwist fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo datat id-9 ta' Lujlu 2018, l-appellant akkwista l-fond proprjeta' immobbli bin-numru '3, Triq il-Kunċizzjoni, Bormla'. Kopja tal-kuntratt relattiv qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dok GS3**'.*

4. *Illi permezz tal-formola 'Reġistrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur', l-appellant informa lil Arms Ltd bil-bdil tal-konsumatur fir-rigward tal-fond msemmi. Kopja tal-formola relattiva qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok GS4'.***

5. *Illi l-appellant ma kienx qiegħed jagħmel użu mill-fond msemmi fil-perjodu bejn is-7 ta' Diċembru 2018 u s-27 ta' Marzu 2019 stante li kien assenti minn Malta u dan kif jirriżulta mill-kopji tal-biljetti tal-ajru annessi u mmarkati bħala '**Dok GS5**'.*

6. *Illi l-Arloġġ tal-Ilma qabel is-7 ta' Diċembru 2019 kien qiegħed jaqra mija, tnejn u tmenin (182) unit, filwaqt meta l-appellant irritorna lura Malta fis-27 ta' Marzu 2020, l-Arloġġ tal-Ilma kien qiegħed jaqra erba' mija, tlieta u tmenin (483) unit, u dan kif jirriżulta mir-ritratti annessi u mmarkat '**Dok GS6**'.*

7. *Illi huwa ben ċar illi l-Arloġġ tal-Ilma ma kienx qiegħed jiffunzjona tajjeb stante illi huwa impossibli illi matul dawk ix-xhur meta l-appellant kien nieqes minn Malta u l-istess fond kien battal, kien hemm konsum ta' aktar minn tlett mitt unit u wieħed (301).*

8. *Illi l-appellant kellu kommunikazzjonijiet elettroniċi ma diversi rappreżentanti ta' Arms Ltd fejn dawn irritenew illi l-konsum tal-ilma għoli in kwistjoni kien riżultat t'allegat tnixxija tal-ilma fil-proprjeta' tal-appellant u għalhekk irrifjutaw illi jnaqsu t-tlett mitt unit u wieħed (301) mill-kont tal-appellant.*

9. *Illi konsegwentament, f'email datata 9 t' Ottubru 2019, waħda mir-rappreżentanti ta' Arms Ltd Malaika Sammut avżat lill-appellant l-ilment tiegħu dwar il-konsum żejjed in kwistjoni kien qiegħed jiġi milqugħ u kwindi dan il-konsum kien ser jiġi mnaqqas mill-kontijiet relattivi. Kopja ta' din l-email qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok GS7**'.*

10. *Illi sussegwentament, minkejja l-email surreferita, Arms Ltd talbet sabiex issir spezzjoni fil-fond imsemmi nhar it-23 ta' Ġunju 2020, fejn ikkonkludiet illi ma kien hemm l-ebda tnixxija t'ilma li setgħat ikkawżat il-konsum tal-ilma in kwistjoni. Kopja tar-rapport relattiv datat 22 ta' Ġunju qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok GS8**'.*

11. *Illi fil-21 t'Ottubru 2020 l-appellant ingaġġa wkoll kumpannija speċjalizzata sabiex tagħmel spezzjoni bl-użu tal-infrared li wkoll ikkonkludiet illi ma kien hemm l-ebda tnixxija t'ilma fil-proprjeta' tal-appellant li setgħat ikkawżat dan il-konsum żejjed t'ilma. Kopja tar-rapport relattiv qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala '**Dok GS9**'.*

12. *Illi tant kemm l-Arloġġ tal-Ilma kien difettuż, illi il-Water Services Corporation bidlet l-Arloġġ tal-Ilma fit-23 ta' Settembru 2020, u dan kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bħala '**Dok GS10**'.*

13. *Illi in ogni każ, jiġi sottomess illi huwa impossibli illi jiġu kkunsmati dawn il-units kollha matul perjodu li fih il-post kien battal, u dan la darba ġie stabbilit illi ma kienx hemm xi leaks.*

14. *Illi minkejja dawn il-fatti, il-Water Services Corporation u Arms Ltd xorta waħda rrifjutaw illi jnaqqsu t-tlett mitt unit u wieħed (301) mill-kont tal-appellant.*

15. *Illi għalhekk l-appellant ma kellu l-ebda għażla għajr illi jagħmel ilment quddiem l-appellat Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma permezz ta' 'Notice of Dispute' datata 20 ta' Novembru 2019, permezz ta' liema inter alia ilmenta dwar din id-diskrepanza u talab rimedju għall-istess.*

## *III. ID-DEĊIŻJONI TAR- REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA*

16. *Illi nhar is-27 t'Ottubru 2020, l-appellat Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma permezz, ikkomunika id-deċiżjoni tiegħu illi kien qiegħed jirrifjuta l-ilment tal-appellant għar-raġunijiet segwenti:*

*"On the complainant's claim that the water meter registered a significant spike of 301 m3 attributed to a meter error and occurring between December 2018 and March 2019, when the complainant was abroad, the Regulator for Energy and Water Services hereby determines that this complaint cannot be considered justified since the allegation that the WSC meter registered an erroneous high consumption is factually incorrect since a meter test carried out by WSC on 22 June2020 showed that the old meter was registering 3.3% less consumption than a new meter.*

*On the complainant's claims that ARMS Ltd agreed that this spike in consumption was attributed to a meter error and that this amount would be deducted, the Regulator for Energy and Water Services hereby determines that this complaint cannot be considered justified since:*
*1. Water consumption was not in fact due to a meter error (as evidenced by the water meter test) but therefore should for all intents and purposes be considered as consumption by the consumer in accordance with the provisions of the Water Supply Regulations and the Customer Contract;*
*2. the Customer Contract is clear in the sense that any internal leakages (whether hidden or otherwise) is considered to be consumption by the consumer and for all intents and purposes it is the consumer's responsibility for payment;*
*3. Documentary evidence submitted by ARMS Ltd shows, that the actual consumption on the water meter was spread such that the consumer would benefit from the lowest rate possible based on such water consumption".*

## *IV. L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT*

17. *Illi in primis d-deċiżjoni tar-Regolatur hija nulla stante illi din ġiet mogħtija fuori termini l-perjodu stipulat fil-liġi ai termini tal-artikolu 4 (9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.30. Kif ġie spjegat aktar l'fuq l-ilment mill-appellant ġie ppreżentata fl-20 ta' Novembru 2019, filwaqt li d-deċiżjoni ġiet mogħtija fl-20 t'Ottubru 2020.*

18. *Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju, il-motivazzjoni għal tali rifjut mill-appellat Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma hija għal kollox errata u d-deċiżjoni tal-appellat għandha tiġi revokata fl-intier tagħha u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-proċeduri odjerni kif ukoll mid-dokumenti surreferiti, ġie ppruvat illi l-Arloġġ tal-Ilma huwa difettuż u l-Arms Ltd u/jew il-Water Services Corporation m' għandhom l-ebda dritt jitolbu ħlas għal tali konsum in kwistjoni. Tant kemm l-Arloġġ tal-Ilma hu difettuż illi l-Water Services dehrilhom li kellhom ibiddlu l-arloġġ in kwistjoni. Għaldaqstant l-appelat ħa d-deċiżjoni a bażi t' apprezament ħażin tal-provi.*

19. *Illi in vista tal-fatt illi l-Arloġġ tal-Ilma mmarka l-konsum ħażin, il-kont tal-konsum attwali għandu jkun ikkalkolat skont l-artikolu 24(2) jew (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellant jitlob sabiex dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu, jilqa' dan l-appell billi jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni appellata tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma datata l-20 t' Ottubru 2020, inkluż billi jiddikjara illi l-Arloġġ tal-Ilma bin-numru M71622 kien diffettuż u għalhekk l-appellant m'għandux iħallas il-konsum mertu tal-kwistjoni ddikjarat minn dan l-arloġġ, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet oħra li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi."*

Ra r-risposta tar-**Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma** ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:-

1. *"Illi preliminarjament, mhuwiex korrett l-appellant meta jgħid li r-Regolatur ħa deċiżjoni fuori termine stante li -regolament 4 (9) tar-Regolamenti dwar il-Proċeduri għad-Determinazzjoni ta' Kwistjonijiet jeħtieġu li r-Regolatur għandu jikkonkludi l-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' kwistjoni skont l-istess regolament bil-ħeffa fi żmien disgħin jum kalendarji li jibdew jgħaddu mid-data li fiha r-Regolatur ikun irċieva l-inkartament tal-ilment komplut inkluż id-dokumentazzjoni rilevanti kollha li tappartjeni għal dak l-ilment. Illi kif jirriżulta mid-dok. REWS 1 anness ma' din ir-risposta, l-inkartament tal-ilment komplut inkluż id-dokumentazzjoni rilevanti kollha li tappartjeni għal dak l-ilment ġew konklużi entro d-disgħin jum meħtieġ mil-liġi u dan ukoll kif se jiġi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

2. *Illi d-deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2020 tar-Regolatur intimat hija waħda ġusta u li timmerita konferma. Illi il-qofol tal-ilment tal-appellanti huwa li huwa qiegħed jattribwixxi r-raġuni li fil-fehma tiegħu qiegħed jirċievi kontijiet li qegħdin jaddebitawlu konsum tal-ilma għoli minħabba l-fatt li qiegħed jallega li l-meter li jaqra l-konsum tal-ilma tiegħu kien/huwa wieħed difettuż.*

3. *Illi kif jaf sewwa l-appellanti, kien sar bi qbil miegħu stess, test fuq l-istess meter li allegatament kien qiegħed jaqra ħażin, iżda li rriżulta mill-istess test tal-meter idfatti li mhux talli l-meter ma kienx qiegħed jagħmel overreading tal-konsum tiegħu kif qiegħed jallega l-appellant, iżda li fil-fatt kien l-istess meter kien qiegħed jaqra inqas mill-konsum attwali tal-appellant.*

4. *Illi l-istess test kien sar skont dak li huwa dispost mir-regolament 22 tar-Regolamenti Dwar Il-Fornitura tal-Ilma, li jiddisponi dan li ġej:*

> *"22. (1) Fuq talba tal-konsumatur, il-Korporazzjoni għandha tittestja l-arloġġi. Il-konsumatur jew min jidher għalih jista' jkun hemm waqt it-test. It-test jorbot sew lill-konsumatur kemm lill-Korporazzjoni, u l-konsum tal-ilma mill-jum tal-aħħar qari talarloġġ sal-jum tat-test jew tat-tneħħija tal-arloġġ sabiex ikun ittestjat, jingħadd fuq dak li jidher mit-test, u l-ħlas isir fuq hekk. (2) Jekk arloġġ, meta jiġi ttestjat, jinsab li jaħdem tajjeb sa limitu ta' sitta fil-mija (6%) iżjed, il-konsumatur ikollu jħallas dritt ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal dak it-test. Jekk l-arloġġ jinsab li ma jaħdimx tajjeb 'l hemm mil-limitu msemmi hawn qabel, il-konsumatur ma jħallas xejn."*

5. *Illi ma jirriżultax lir-Regolatur li t-test li sar ma kienx jattjeni għal ma' dak li trid il-liġi, u li għaldaqstant il-lanjanza tal-appellant ma dehritlux li kienet ġustifikata u li dak kollu li jingħad mill-appellant għal dan ir-rigward fl-appell tiegħu mhuwiex ġustifikat. Illi ma jirriżultax lir-Regolatur li l-bidla tal-meter li saret mill-Korporazzjoni tal-Ilma seħħet għar-raġunijet addebitati mill-appellanti ta' overreading, iżda li fir-realtà dan sar minħabba li attwalment dan l-istess meter 'l-ġdid huwa kapaċi li jaqra bir-remote reading u li għaldaqstant il—problema li kellu l-appellanti biex jinqralu l-meter meta huwa fiżikament ma setgħax ikun preżenti issa b'din l-bidla ġiet riżolta. Illi difatti jirriżulta ukoll lir-Regolatur li bil-meter il-ġdid il-konsum tal-appellanti xorta waħda baqa' għal kwantu simili bħal ta' dak preċedenti (ara dok. REWS 2 anness).*

6. *Illi l-appellanti jiċċita rapport kummissjonat minnu stess li fih dan jiddokumenta test bl-infra red li sar fil-fond tiegħu. Iżda jirriżulta li dan l-istess test seħħ fl-21 ta' Ottubru 2020, wara li ttieħdet id-deċiżjoni tar-Regolatur (20 ta' Ottubru 2020) u li għaldaqstant l-istess test ma setgħax jittieħed in konsiderazzjoni mir-Regolatur meta ttieħdet id-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-appellanti, u li għaldaqstant it-tali rapport ma huwiex rilevanti għal finijiet ta' dan l-appell. Mingħajr preġudizzju għal premess, l-istess rapport irrileva li kien hemm "overflowing flushing tank" difettuż li setgħa wassal għal parti mill-konsum għoli tal-appellant. Fil-fatt kif li stop cock tal-flushing ġie magħluq il-meter tal-ilma waqaf jirreġistra l-konsum. Illi mill-istess inspection sheet tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma kien jirriżulta li ma kien hemm ebda leak.*

7. *Illi wkoll r-regolament ċċitat mill-appellant "24(2) jew (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03" ma jeżistix. Illi jekk r-regolament li ried jiċċita l-appellant huwa r-regolament 25(2) jew (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03, u wara eżami u kalkoli li saru mir-Regolatur tal-kontijiet sottomessi mill-appellant stess, li kieku kellu jsir kalkolu tal-kontijiet skont ma jiddisponi r-regolament 25(2) jew (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03, l-kont tal-appellant kien jirriżulta għola ferm mill-ammont kontestat mill-appellant stess, (ara dok. REWS 3 anness) u kif se jirriżulta mit-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

8. *Illi t-talba magħmula mill-appellant li dan l-Onorabbli Tribunal jiddikjara li l-meter M71622 kien difettuż u li għalhekk l-appellant ma għandux iħallas l-konsum reġistrat minn dak il-meter ma tistax tintlaqgħa minn dan l-Onorabbli Tribunal billi d-deċiżjoni*

> *li jinħareġ kont li jirrifletti dak il-konsum ma ttieħditx mir-Regolatur iżda mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li t-talbiet tal-appellanti kollha għandhom jiġu miċħudha għar-raġunijiet imsemmija, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-affidavits ta' Gavin Stafford u David Muscat;

Sema' x-xhieda;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tar-Regolatur li ma laqax l-ilment tiegħu dwar dak li huwa sostna kien konsum ta' ilma mhux użat minnu u li ġie mitlub iħallas għalih mill-Korporazzjoni tal-Ilma.

Ir-rikorrent stqarr illi huwa xtara l-fond 3, Triq il-Kunċizzjoni, Bormla fid-9 ta' Lulju 2018. Siccome` kien se jitlaq minn Malta għal xi xhur huwa ħa ritratt tal-meter tal-ilma li fl-10 ta' Diċembru 2018 kien jaqra 182 units. Jistqarr li bejn l-10 ta' Diċembru 2018 u s-27 ta' Marzu 2019 l-imsemmi fond kien battal u kwindi ma ġie moħli l-ebda dawl u ilma. Meta wasal lura Malta fis-27 ta' Marzu 2019 ħa ritratt ieħor tal-meter tal-ilma li wera li kienu nħlew 301 units. Huwa nħasad b'dan il-fatt siccome` l-fond kien battal u għalhekk għamel kuntatt immedjat ma' ARMS Ltd. fejn irraporta li kellu meter difettuż. Jispjega li min-naħa tagħha ARMS Ltd. insistiet li kellu xi tnixxija u għalhekk kien tenut iħallas għall-istess konsum.

Jispjega li wara sensiela ta' emejls, ċerta Malika Sammut infurmatu li l-ilment tiegħu kien ġie milqugħ. Madanakollu ARMS Ltd. talbet lill-Korporazzjoni sabiex jiġi spezzjonat il-meter tal-ilma, liema spezzjoni saret fit-22 ta' Ġunju 2020 u rriżulta li ma kien hemm l-ebda tnixxija pero` wkoll li l-meter kien difettuż. Għalhekk fit-23 ta' Settembru 2020 il-Korporazzjoni bidlet il-meter.

Jispjega li sussegwentement ARMS Ltd. infurmatu li l-ilment tiegħu kien miċħud stante li għalkemm il-meter instab li kien difettuż, l-istess meter kien qiegħed jaqra inqas konsum milli kien qiegħed jiġi użat.

Ir-rikorrent spjega li minn Lulju 2018 sa Ottubru 2020 ġew ikkunsmati 128 Units ta' ilma jekk wieħed kellu jeskludi l-ammont in kontestazzjoni, b'medja ta' 4.74

units kull xahar. Kwindi huwa jargumenta illi huwa mpossibbli li jiġi kkunsmat 75.25 units fix-xahar, iktar u iktar meta l-fond kien battal.

David Muscat stqarr illi huwa joffri servizz fir-rigward ta' sejbien ta' tnixxija ta' ilma permezz ta' *infrared detection*. Jispjega li huwa kien ġie inkarigat mir-rikorrent biex jagħmel spezzjoni fi proprjeta` tiegħu ġewwa Bormla peress li kien irċieva kont eċċessiv meta l-istess proprjeta` kienet vakanti. Jgħid li huwa għamel spezzjoni fil-21 ta' Ottubru 2020 fejn irriżultalu li kien hemm tnixxija tal-ilma mit-*toilet flushing tank*. Jispjega li din it-tnixxija kienet insinifikanti u żgur li ma tirriżultax f'konsum ta' 301 units u dan ukoll in vista tal-fatt li kieku kienet taħti għall-konsum esaġerat l-użu eċċessiv kien jibqa' jimmarka sad-data tal-ispezzjoni. Huwa spjega li 301 units jammontaw għal 25,000 litru ta' ilma kuljum fuq medja ta' erba' xhur. Għalhekk huwa kien tal-fehma illi din it-tnixxija ma kinitx relatata mal-konsum in kwistjoni.

Mark Camilleri, uffiċjal addett mar-Regolatur intimat u responsabbli mill-*Water Regulation and Corporate Affairs*, stqarr illi r-rikorrent għamel tliet ilmenti prinċipali li wieħed minnhom kien dwar kontestazzjoni ta' konsum ta' 301 units ta' ilma. Huwa spjega illi meta konsumatur jitlob *meter test*, ir-riżultat jorbot kemm lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u kif ukoll lill-konsumatur. Jispjega li meta mar l-uffiċjal tal-Korporazzjoni huwa sab li l-meter tal-ilma kien qiegħed jaqra iktar bil-mod milli attwalment kien qiegħed jiġi konsumat ilma u li l-*stopcock* kien miftuħ. Huwa spjega li meta post ma jkunx se jiġi abitat għal tul ta' żmien ikun għaqli li dan l-*stopcock* jingħalaq sabiex ma jkunx hemm il-possibilita` ta' *leaks*.

Camilleri spjega li wara li rriżulta dan kollu il-meter tal-ilma tar-rikorrent ġie mibdul fit-23 ta' Settembru 2020, liema meter kien wieħed li jitrasmetti l-qari tiegħu *in real time,* u għalhekk ir-Regolatur seta' josserva l-konsum tar-rikorrent għal ftit żmien qabel ħa d-deċiżjoni tiegħu. Jispjega li wara li twaħħal il-meter il-ġdid il-Korporazzjoni kkuntattjat lir-Regolatur għax kien hemm indikazzjoni li kien hemm konsum anomalu peress f'numru ta' ġranet għal diversi sigħat fl-ebda ħin ma kien hemm *reading* ta' *zero,* li jfisser illi kien hemm possibilita` ta' *leak.*

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrent huwa li d-deċiżjoni tar-Regolatur hija nulla stante li għaddew iktar minn disgħin (90) ġurnata minn meta ppreżenta l-appell tiegħu.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu mar-Regolatur intimat fl-20 ta' Novembru 2019 bir-Regolatur jasal għad-deċiżjoni tiegħu fl-20 ta' Ottubru 2020.

Illi ai termini tar-Regolament 4 (9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.30 ir-Regolatur għandu jikkonkludi l-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' kwistjoni bil-ħeffa fi żmien disgħin jum kalendarji li jibdew jgħaddu mid-data li fiha jirċievi l-inkartament tal-ilment komplut inkluż id-dokumentazzjoni rilevanti kollha li tappartjeni għal dak l-ilment. Illi mill-atti jirriżulta illi r-rikorrent ipprovda argumenti supplimentari permezz ta' emejl datata 25 ta' Ġunju 2020 wara li ntalab jagħmel dan mir-Regolatur. Illi kwindi, fil-fehma tar-rikorrent, it-terminu ta' disgħin ġurnata beda jiddekorri mill-imsemmija ġurnata u kwindi r-Regolatur kellu sal-25 ta' Settembru 2020 biex jiddetermina l-kwistjoni. Jirriżulta li dan ma sarx għaliex tali determinazzjoni saret fl-20 ta' Ottubru 2020.

Illi filwaqt li t-Tribunal jirrikonoxxi li r-Regolatur ma żammx *entro* l-parametri tal-liġi, madankollu il-liġi hija sajma dwar x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan. It-Tribunal huwa tal-fehma illi dan huwa każ fejn *ubi lex voluit dixit.* La darba l-liġi nnifisha ma tgħid xejn dwar determinazzjoni li ssir oltre d-disgħin ġurnata, dan it-Tribunal ma jistax jippronunzja ruħu fis-sens illi tali determinazzjoni hija nulla. Illi għalhekk, filwaqt li huwa awspikabbli li r-Regolatur intimat iżomm mat-termini tal-liġi, it-Tribunal ma jqisx illi d-deċiżjoni appellata hija waħda nulla u bla effett. Anke kieku għall-grazzja tal-argument dan it-Tribunal kellu jannulla l-istess deċiżjoni abbażi tat-tardivita' tagħha, li jiġri fil-prattika hu li r-Regolatur ikun irid jerġa' jieħu deċiżjoni *entro* t-terminu mogħti mil-liġi u kwindi jerġgħu jibdew jiddekorru disgħin (90) ġurnata.

Illi fil-mertu r-rikorrent jikkontendi li fil-perjodu mill-10 ta' Diċembru 2018 sas-27 ta' Marzu 2019 huwa ma kienx Malta u kwindi ma kkonsma l-ebda ilma. Madankollu huwa ġie mitlub iħallas għall-konsum ta' 301 *units* ta' ilma. Min-naħa l-oħra jirriżulta illi wara li r-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu dwar dan, saret spezzjoni minn ħaddiema tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn sabu li l-*meter* tal-ilma kien qiegħed jaqra inqas milli fil-fatt kien qiegħed jiġi kkonsmat.

Illi għalhekk ġie stabbilit minn tekniċi tal-Korporazzjoni illi l-*meter* kien difettuż pero` mhux għax kien qiegħed jirreġistra iżjed milli suppost, iżda għaliex kien qiegħed jirreġistra inqas milli suppost. Fl-istess test li sar mit-tekniċi tal-Korporazzjoni Enemalta ma rriżultax li kien hemm xi *leakages*. Kien biss sussegwenti għad-deċiżjoni tar-Regolatur li r-rikorrent inkariga lil David Muscat sabiex jagħmel spezzjoni għal xi tnixxija tal-ilma permezz tal-apparat *infrared*. Minn din l-ispezzjoni irriżulta li kien hemm tnixxija tal-ilma mit-*toilet flushing tank*.

Illi t-Tribunal josserva illi l-ispezzjoni li saret minn David Muscat saret iktar minn sena mill-perjodu in kontestazzjoni u kwindi ma jarax li għandu jieħu in konsiderazzjoni kwalunkwe riżultanzi li kellha. Min-naħa l-oħra meta saret l-ispezzjoni mit-tekniċi tal-Korporazzjoni f'Ġunju 2020 ma nstabet l-ebda tnixxija u ma nstabet l-ebda raġuni li tista' tagħti sostenn lit-teżi tar-rikorrent.

Illi għalhekk it-Tribunal għandu quddiemu dan il-kwadru tal-fatti, u cioe`:

1. Illi fir-rikors promutur ir-rikorrent jgħid li kien imsiefer fil-perjodu bejn is-7 ta' Diċembru 2018 u s-27 ta' Marzu 2019. Dan jirriżulta li mhux totalment korrett stante li mill-biljetti tal-ajru esebiti jirriżulta li huwa wasal Malta minn East Midlands fis-7 ta' Diċembru 2018 u reġa' telaq fl-10 ta' Diċembru 2018. Jirriżulta wkoll illi huwa reġa' ġie Malta fil-25 ta' Marzu 2019 u reġa' telaq fis-27 ta' Marzu 2019.[1] Illi t-Tribunal iqis li din ma kinitx l-aħjar prova li seta' jressaq ir-rikorrent li huwa ma kienx hawn Malta fil-perjodu msemmi. L-aħjar prova kienet tkun il-passaport stante li fuqu jkun hemm stampat kull daħla u ħarġa fir-Renju Unit, stante li l-istess pajjiż mhux fiż-żona Schengen.
2. Illi fl-affidavit tiegħu huwa spjega li qabel telaq minn Malta fl-10 ta' Diċembru 2018 huwa ħa ritratt tal-meter tal-ilma li kien jaqra 182 units. Meta ġie lura reġa' ħa ritratt li juri li l-meter tal-ilma kien qiegħed jaqra 483 Units.
3. Filwaqt li r-rikorrent jgħid li immedjatament ikkuntattja lill-ARMS biex jirrapporta *meter* difettuż u jressaq ilment, ma jirriżulta minn imkien din l-immedjatezza. L-iktar email antika mibgħuta lill-ARMS Ltd. li hemm referenza għaliha fid-dokumenti esebiti hija dik tad-29 ta' Awwissu 2019.[2] Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrent naqas li jippreżenta l-emejls li huwa bagħat lil ARMS Ltd. u li permezz tagħhom ikkontesta l-qari tal-meter in kwistjoni.
4. Illi għalkemm ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu jisħaq illi siccome` l-meter instab difettuż, dan huwa prova li l-qari tiegħu kien ukoll wieħed żbaljat u għalhekk wieħed ma setax joqgħod fuqu, it-Tribunal ma jqisx li r-rikorrent għandu raġun. Id-difett li kellu l-meter kien li jaqra inqas milli effettivament kien qiegħed jiġi kkonsumat. Dan id-difett ċertament ma kienx kontra l-interessi tar-rikorrent u kwindi ma jistax jieħu vantaġġ minn dan il-fatt.

Illi wara li t-Tribunal għamel il-kunsiderazzjonijiet opportuni, fosthom illi:

[1] Dokument GS5 a fol. 20
[2] Referenza ghal din l-emejl tinsab f'emejl ohra mibghuta mir-Regolatur lir-rikorrent fil-25 ta' Gunju 2020

1. Ma jirriżultax illi l-*meter* in kwistjoni kien b'xi mod qed jirreġistra konsum iktar milli fil-fatt kien qiegħed jiġi kkonsumat, anzi bil-kontra;
2. Illi ma jirriżultax illi fil-fond in kwistjoni kien hemm xi tnixxija ta' ilma fil-mument li saret l-ispezzjoni f'Ġunju 2020;
3. Illi fil-fehma tat-Tribunal, ladarba r-rikorrent kien rinfaċċat b'konsum li skont hu kien eċċessiv, ħalla wisq żmien minn Marzu 2019 biex ħa azzjoni u jitlob għal test tal-meter;
4. Ma hemm ebda indikazzjoni teknika li l-konsum reġistrat ma kienx fil-fatt il-konsum użat fil-fond in kwistjoni;
5. Għalkemm ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu jgħid li ma ġie reġistrat lanqas l-ebda konsum ta' elettriku fil-perjodu meta skont hu l-fond kien battal, ma ġiet imressqa ebda prova dwar dan.

Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni tar-Regolatur li t-301 unit ma kinux attribwibbli għal-*meter* difettuż hija waħda raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tar-Regolatur intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

____________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**